**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Il-Hamis 11 ta' Mejju 2023**

**Laqgħa b'urġenza Numru 59**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

| | | |
|---|---|---|
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
☎:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

59.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard fetaħ il-laqgħa, fejn qal li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti bl-eċċezzjoni ta' Daniel Zerafa li kien assenti b'appologija.

59.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Duncan Hall jipprezenta r-riżultat tal-interview li sar biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Ezekuttiv.

Dan beda biex għamel spjegazzjoni dettaljata tal andament tal-*interview* li sar ma zewg kandidati li nztabu eligibli mid-DLG u ghalhekk gew intervistati. Għamel nota li dan kien it-tieni bord ghax l-ewwel wiehed kien gie xolt. Huwa qal li ż-żewġ kandidati m'eċċelawx għax ghalkemm kwalifikati ma jafux il-ligi tal-kunsilli.

Innota li waħda minnhom għanda problema bl-attitudni u għalhekk setgħet toħloq problemi fl-amministrazzjoni tal-uffiċċju. Innota wkoll li l-kandidata l-oħra gejja mill-kamp politiku u m'għandiex xi esperjenza fil-kunsilli. Għalhekk iż-żewg kandidati gabu 52 punt kull wiehed u ghalhekk is-sitwazzjoni hi fi *gridlock*.

59.3 Sar qbil unnanimu minn dawk preżenti li l-kandidati jigu referuti bhala "A" u "B" minħabba *data protection* u għall-identita tagħhom wieħed irid jirreferi lejn ir-riżultat uffiċċjali. Wara li saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fejn ic-*chairman* tal-bord u s-Segreatrju Eżekuttiv ħargu mill-kamra u l-Kunsill tħalla jiddiskuti internament, ġie deċiż li nkomplu bil-laqgħa.

59.4 Elenia Desira tablet li jsir rapport ta dak kollu li ntqal waqt l-intervista dwar '*Strengths u Weaknesses'* u raġunijiet kif ingħataw il-marki. Duncan Hall accetta u ser jagħmel dan ir-rapport mitlub minnu.

59.5 Sar qbil li ssir laqgħa oħra b'urġenza is-Sibt 13 ta'Mejju 2023, fid-9.00am fejn ser jiġi ppreżentat dan ir-rapport u jittieħed il-vot.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:25pm, il-Kunsill aġġorna għal-laqgħa li jmiss is-Sibt 13 ta'Mejju 2023 fid-9.00am

**Ikkonfermati llum it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Steven Grech** | **Carmel Attard** |
| Sindku | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| ______________________ | ______________________ |
| *PROPONENT* | *SEKONDANT* |